MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 314/2006

**IL-Pulizija.**

**(Spettur D. Zammit.)**

**vs**

**Fiacal Mahouachi.**

**Il-Qorti,**

**Rat li minkejja li dan hu it-tielet appuntament biex jinstema' dan l-appell, l-appellant Fiacal Mahouachi, li kien instab hati ta' akkuzi ta' serq ggravat bil-vjolenza u l-valur, li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Alexia Maria Sultana u li sar recidiv u li kien gie kundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija, ma setax jigi notifikat ghax ma setax jigi rintraccjat.**

**Rat li minnkejja l-indagni li ghamlet il-Pulizija fuq ordni ta' din il-Qorti – komprizi l-pubblikazzjoni ta' avvizi fil-media li jghidu li din il-persuna kien "wanted" - dan kollu ma sewa ghal xejn;**

**Hadet it-taghrif ulterjuri mill-Ispettur responsabbli ghall-kaz fl-udjenza tal-lum;**

**Ikkonsidrat ;**

**Li ma tistax ma tiddeplorax il-fatt li l-appellant, li kien persuna barranija sia pure b'passaport Malti w li kien instab hati mill-Qrati mill-inqas hames darbiet qabel ma gie akkuzat b' dan il-kaz, ma tressaqx b' arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, biex b' hekk kienu jkunu jistghu jigu imposti fuqu kondizzjonijiet u garanzija adegwata biex hu ma jkunx jista' jahrab.**

Ma tistax ukoll ma tinnotax b' certa preokkupazzjoni li l-Ewwel Qorti, meta laqghet it-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza taghha ma imponietlux garanzija adegwata kif kellha taghmel a tenur tal-artikoli 416 (1) u 577 (1),579,581,583,585,586 u 587 tal-Kodici Kriminali u senjatament billi jingieb plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita, jew b' depozitu tas-somma jew ta' rahan li jiswa daqshekk, trattandosi ta' persuna barranija li ma kellhiex rabtiet sodi bizzejjed mas-socjeta' Maltija w, ghaliex hu kien diga' telaq lill-mara tieghu Maltija, w minnflok, ghazlet li timponi biss garanzija personali fuq l-appellant biex tassikura li hu jidher f' kull seduta quddiem din il-Qorti.

**Peress li minnhabba dan kollu ma jidhirx probabbli li l-appellant ser jidher quddiem din il-Qorti, tiddifferixxi l-appell tieghu *sine die* riappuntabbli b' rikors tal-prosekuzzjoni f' kaz li jigi rintraccjat u tordna komunika ta' dan id-Digriet lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal-kull azzjoni opportuna.**

**Kopja ta' dan il-provvediment ghandha tintbaghat ukoll lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'**

**Gudikatura Kriminali li tat is-sentenza appellata skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------